# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 557

KAZ NRU. 772

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

il-General Workers' Union

u

Maritim Selmun Palace Hotel

dwar disturb ta' relattivita' fil-pagi ta' certi gradi

Data: 22 ta' Marzu, 1994

Chairman: Is-Sur Carmel Debono

Membri : Is-Sur George Agius
Is-Sur Alfred Mallia Milanes

Din it-Tilwima tax-Xoghol kienet giet riferita lit-Tribunal Industrijali permezz ta' ittra mill-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani datata 27 ta' Mejju, 1993 biex tigi processata skond l-Att. XXX tal-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali, liema ittra giet emmendata b'ohra datata 9 ta' Lulju, 1993 Ref. ME 2/93/32, biex tinkludi ezattament it-Terms of Remit kif proposti mill-General Workers' Union.

It-Tribunal zamm disa' (9) seduti.

Il-General Workers' Union kienet rapprezentata mis-sur John Mansueto, Segretarju tat-Taqsima Lukandi, Ristoranti u Ikel.

waqt li l-Maritim Selmun Palace Hotel kienet rapprezentata mis-sur Anthony Degiovanni assistit mill-Avukat Andrew Borg Cardona LL.D.

Wara li fil-hames seduta inghatat Decizjoni Preliminari Numru 527 datata 1-21 ta' Ottubru, 1993, it-Tribunal ghadda biex jisma' l-meriti tal-kaz dwar l-allegat disturb fir-relattivita vertikali u orrizzontali fis-salarji ta' certi gradi.

Fid-disa' seduta mizmuma t-Tnejn 21 ta' Marzu, 1994 l-General Workers' Union pprezentat Nota li permezz taghha nfurmat lit-Tribunal li kienet qeghda tirtira t-talba taghha.

F'dawn ic-cirkostanzi t-Tribunal ghalhekk jiddeciedi li ma jibqax jiehu konjizzjoni tal-kaz.

B'hekk tintemm din it-Tilwima tax-Xoghol.

Carmel Debono
CHAIRMAN

George Agius
MEMBRU

Alfred Mallia ~~Milanes~~
MEMBRU

Edwin Spiteri
SEGRETARJU

mrg